Nru. 17,770
Prezz Lm1.60ċ
Price Lm1.60c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 24 ta' Mejju, 2005
Tuesday, 24th May, 2005

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 530

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 17,688 tas-17 ta' Mejju, 2005.

A.L. Nru. 136 ta' l-2005: *Product Safety Act (Act No. V of 2001); Radio Equipment and Telecommunications Terminal Equipment and the Mutual Recognition of their Conformity (Amendment) Regulations, 2005.*

A.L. Nru. 137 ta' l-2005: Kodiċi Kriminali (Kap. 9); Regolamenti ta' l-2005 dwar Mard u Kundizzjonijiet Kommunikabbli.

A.L. Nru. 138 ta' l-2005: *Plant Quarantine Act, 2001 (Act No. XVIII of 2001); Plant Quarantine (National Certification Scheme) Regulations, 2005.*

A.L. Nru. 139 ta' l-2005: Att dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent (Kap. 435); Avviż ta' Bidu fis-Seħħ tar-Regolamenti ta' l-2005 dwar il-Libertà ta' Aċċess għal Informazzjoni dwar l-Ambjent.

A.L. Nru. 140 ta' l-2005: Att dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent (Kap. 435); Regolamenti ta' l-2005 dwar Skema Kummerċjali tal-Komunità Ewropea dwar l-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra.

A.L. Nru. 141 ta' l-2005: Att dwar is-Servizzi Veterinarji (Kap. 437); Regoli ta' l-2005 dwar il-Metodi ta' Analiżi tal-

GOVERNMENT NOTICES

No. 530

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette No. 17,688 the 17th May, 2005.

L.N. No. 136 of 2005: Product Safety Act (Act No. V of 2001); Radio Equipment and Telecommunications Terminal Equipment and the Mutual Recognition of their Conformity (Amendment) Regulations, 2005.

L.N. No. 137 of 2004: Criminal Code (Cap. 9); Communicable Diseases and Conditions Regulations, 2005.

L.N. No. 138 of 2005: Plant Quarantine Act, 2001 (Act No. XVIII of 2001); Plant Quarantine (National Certification Scheme) Regulations, 2005.

L.N. No. 139 of 2005: Environment Protection Act (Cap. 435); Commencement Notice of the Freedom of Access to Information on the Environment Regulations, 2005.

L.N. No. 140 of 2005: Environment Protection Act (Cap. 435); European Community Greenhouse Gas Emissions Trading Scheme Regulations, 2005.

L.N.141 of 2005: Veterinary Services Act, 2001 (Act No. XXIII of 2001); Methods of Analysis for the Official Control

Kontroll Uffiċjali ta' l-Affarijiet ta' l-Ikel.

A.L. Nru. 142 ta' l-2005: Att ta' l-2005 li Jimplimenta Miżuri ta' l-Estimi (Att Nru. II ta' l-2005); Avviż ta' bidu fis-seħħ.

A.L. Nru. 143 ta' l-2005: Att biex Jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi (Kap. 399); Regolamenti ta' l-2005 li jħassru r-Regolamenti dwar il-Korporazzjoni Telemalta (Elezzjoni ta' Direttur-Ħaddiem).

A.L. Nru. 144 ta' l-2005: Att biex Jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi (Kap. 399); Regolamenti ta' l-2005 li jħassru Ordni dwar Kumitati ta' Amministrazzjoni għal Komunikazzjonijiet Elettroniċi u Xandir.

L-24 ta' Mejju, 2005

of Feeding-Stuffs Regulations, 2005.

L.N. 142 of 2005: Budget Measures Implementation Act, 2005 (Act No. II of 2005); Commencement Notice.

L.N. 143 of 2005: Electronic Communications (Regulation) Act (Cap. 399); Telemalta Corporation (Election of Director-Worker) (Repeal) Regulations, 2005.

L.N. 144 of 2005: Electronic Communications (Regulation) Act (Cap. 399); Electronic Communications and Broadcasting Management Committees Order (Repeal) Regulations, 2005.

24th May, 2005

Nru. 531

UNURI U DEKORAZZJONIJIET BARRANIN

NGĦARRFU b'din illi skond l-artikolu 29(1) ta' l-Att ta' l-1975 dwar Ġieħ ir-Repubblika, il-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, awtorizza l-għarfien ta' l-għotja ta' *Cavaliere di Gran Croce decorato di Gran Cordone* mogħtija lilu mill-President tar-Repubblika Taljana.

Id-19 ta' Mejju, 2005
COF 575/1962/VII

No. 531

FOREIGN HONOURS AND DECORATIONS

IT is hereby notified that in terms of section 29(1) of the Ġieħ ir-Repubblika Act, 1975, the President of Malta, acting on the advice of the Prime Minister and Minister of Finance, has authorised the recognition of Cavaliere di Gran Croce decorato di Gran Cordone bestowed on him by the President of the Italian Republic.

19th May, 2005

Nru. 532

UNURI U DEKORAZZJONIJIET BARRANIN

NGĦARRFU b'din illi skond l-artikolu 29(1) ta' l-Att ta' l-1975 dwar Ġieħ ir-Repubblika, il-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, awtorizza l-għarfien tad-dekorazzjonijiet li ġejjin mogħtija mill-Gvern tar-Repubblika Taljana fl-okkażjoni taż-Żjara Statali mill-President tar-Repubblika Taljana.

Cavaliere di Gran Croce dell'Ordine al Merito della Repubblica Italiana

L-Onor. Dott. Vincent De Gaetano
L-Onor. Dott. Anton Tabone
L-Onor. Dott. Michael Frendo

No. 532

FOREIGN HONOURS AND DECORATIONS

IT is hereby notified that in terms of section 29(1) of the Gieh ir-Repubblika Act, 1975, the President of Malta, acting on the advice of the Prime Minister, has authorised the recognition of the following decorations bestowed by the Government of the Italian Republic on the occasion of the State Visit to Malta by the President of the Italian Republic.

Cavaliere di Gran Croce dell'Ordine al Merito della Repubblica Italiana

Hon Dr Vincent De Gaetano
Hon Anton Tabone
Hon Dr Michael Frendo

Grande Ufficiale dell'Ordine al Merito della Repubblica Italiana
Is-Sur Edgar Galea Curmi
Ms Cecilia Attard Pirotta
Il-Brigadier Carmel Vassallo

Commendatore dell'Ordine al Merito della Repubblica Italiana
Is-Sur Anthony Attard
Is-Sur Charles Bonello

Id-19 ta' Mejju, 2005
COF/575/1962/VII

Grande Ufficiale dell' Ordine al Merito della Repubblica Italiana
Mr Edgar Galea Curmi
Ms Cecilia Attard Pirotta
Brigadier Carmel Vassallo

Commendatore dell' Ordine al Merito della Repubblica Italiana
Mr Anthony Attard
Mr Charles Bonello

19th May, 2005

Nru. 533

ĦATRA FL-ORDNI NAZZJONALI TAL-MERITU

SKOND l-artikolu 22 ta' l-Att ta' l-1975 dwar Ġieħ ir-Repubblika u skond ir-Regola 3 tar-Regoli ta' l-1990 dwar Unuri, Għotjiet u Dekorazzjonijiet, il-Kanċillier ta' l-Ordni Nazzjonali jgħarraf illi l-E.T. Carlo Azeglio Ciampi, il-President tar-Repubblika Taljana, inħatar Membru Onorarju ta' Xirka Ġieħ ir-Repubblika.

Id-19 ta' Mejju, 2005
OPM 345/1989/IV

No. 533

APPOINTMENT TO THE NATIONAL ORDER OF MERIT

IN terms of section 22 of the Ġieħ ir-Repubblika Act, 1975 and in accordance with Rule 3 of the Rules for Honours, Awards and Decorations 1990, the Chancellor of the Maltese Orders hereby notifies that H.E. Carlo Azeglio Ciampi, the President of the Italian Republic, has been appointed Honorary Member of the Xirka Ġieħ ir-Repubblika.

19th May, 2005

Nru. 534

ĦATRA FL-ORDNI NAZZJONALI TAL-MERITU

SKOND l-artikolu 22 ta' l-Att ta' l-1975 dwar Ġieħ ir-Repubblika u skond ir-Regola 3 tar-Regolamenti ta' l-1990 dwar Unuri, Għotjiet u Dekorazzjonijiet, il-Kanċillier ta' l-Ordnijiet ta' Malta b'din jgħarraf illi saru in-nomini li ġejjin fix-Xirka Ġieħ ir-Repubblika u fl-Ordni Nazzjonali tal-Meritu.

Membri Onorarji fl-Ordni Nazzjonali tal-Meritu:-

Fil-grad ta' Kumpann bi Breast Star

Il-Ġeneral Giovanni Mocci
L-Onor. Giovanni Caracciolo di Vietri
L-Onor. Leonardo Visconti di Modrone

Fil-grad ta' Kumpann

Is-Sur Giuseppe Perrone

Id-19 ta' Mejju, 2005
OPM 345/1989/IV

No. 534

APPOINTMENTS TO THE NATIONAL ORDER OF MERIT

IN terms of section 22 of the Ġieħ ir-Repubblika Act, 1975 and in accordance with Rule 3 of the Rules for Honours, Awards and Decorations 1990, the Chancellor of the Maltese Orders hereby notifies that the following appointments on an honorary basis have been made to the National Order of Merit.

Honorary Members of The National Order of Merit:-

In the grade of Companion with Breast Star

General Giovanni Mocci
Hon Giovanni Caracciolo di Vietri
Hon Leonardo Visconti di Modrone

In the grade of Companion

Mr Giuseppe Perrone

19th May, 2005

Nru. 535

ĦATRA TA' AĠENT AVUKAT ĠENERALI

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 91 (1) u bl-artikolu 124 (5)(a) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, approva l-ħatra ta' Dott. Peter Grech, Deputat Avukat Ġenerali, bħala Aġent Avukat Ġenerali mis-16 sal-21 ta' Mejju 2005 u l-ħatra ta' Dott. Anthony Barbara, Assistent Avukat Ġenerali, bħala Aġent Avukat Ġenerali mit-23 sal-25 ta' Mejju 2005, id-dati kollha inklużi.

L-24 ta' Mejju, 2005

No. 535

APPOINTMENT OF ACTING ATTORNEY GENERAL

IN exercise of the powers conferred by section 91 (1) and by section 124 (5) (a) of the Constitution of Malta, the President of Malta, acting on the advice of the Prime Minister, has approved the appointment of Dr Peter Grech, Deputy Attorney General, to act as Attorney General from 16th to 21st May 2005 and the appointment of Dr Anthony Barbara, Assistant Attorney General, to act as Attorney General from 23rd to 25th May 2005, all the indicated days inclusive.

24th May, 2005

Nru. 536

AKKWIST TA' ART

DIN il-Proklama li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 4 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija pubblikata skond u għall-finijiet ta' din l-Ordinanza.

L-24 ta' Mejju, 2005
(File No. L282/91/4)

PROKLAMA TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Billi bl-artikolu 4 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88), huwa pprovdut illi l-President ta' Malta jista', għal skopijiet pubbliċi, jiddikjara illi l-art hija suġġetta għall-jedd ta' *clearance* jew għall-jedd ta' taħt wiċċ l-art.

U billi hu meħtieġ illi l-proprjetà msemmija fl-iskeda mdaħħla hawnhekk tiġi dikjarata suġġetta għal dritt ta' taħt wiċċ l-art.

Issa, għalhekk, jiena, bis-saħħa ta' l-artikolu 4 ta' l-imsemmija Ordinanza, b'din niddikjara illi l-proprjetà msemmija fl-iskeda mdaħħla hawnhekk hija suġġetta għal dritt ta' taħt wiċċ l-art.

Skeda

Art fin-Naxxar:–

1. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art jikkonsisti sabiex isir tħaffir ta' trinka 80 metru twila, 0.75 metri wiesgħa u 2 metri fonda, li tinkludi 3 *manholes* ta' 0.56 metri b'1.5 metri

No. 536

ACQUISITION OF LAND

THE following Proclamation made by the President of Malta under section 4 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of this Ordinance.

24th May, 2005

PROCLAMATION OF THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by the provisions of section 4 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88), the President of Malta can, for public purposes, declare that the land is subject to clearance rights or subsoil rights.

And whereas it is required that the property mentioned in this schedule is declared subject to subsoil rights.

Now, therefore, I, by means of the powers of section 4 of the mentioned Ordinance, hereby declare that the property mentioned in this schedule is subject to subsoil rights.

Schedule

Land at Naxxar:–

1. The mentioned subsoil right consisting of a digging of a trench 80 metres long, 0.75 metres wide and 2 metres deep, consisting of 3 manholes of 0.56 metres by 1.5 metres and

u tqegħid ta' servizzi għal żmien indefinit f'għalqa tal-kejl ta' madwar 5,305 metri kwadri, li tmiss mill-Grigal ma' proprjetà ta' Michael Fenech, mil-Lbiċ ma' proprjetà ta' John Quattromani u mix-Xlokk ma' proprjetà tal-Monasteru ta' San Pietru ta' Ħal Lija.

2. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art jikkonsisti sabiex isir tħaffir ta' trinka 61 metru twila, 0.75 metri wiesgħa, 2 metri fonda, li tinkludi *manhole* ta' 0.56 metri b'1.5 metri u tqegħid ta' servizzi għal żmien indefinit f'għalqa tal-kejl ta' madwar 3,530 metru kwadru, li tmiss mil-Lvant ma' proprjetà ta' Igino Trapani Galea, min-Nofsinhar ma' proprjetà ta' Francesco Camilleri u mil-Lbiċ ma' proprjetà ta' John Quattromani.

3. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art jikkonsisti sabiex isir tħaffir ta' trinka 25 metru twila, 0.75 metri wiesgħa, 2 metri fonda, li tinkludi *manhole* ta' 0.56 metri b'1.5 metri u tqegħid ta' servizzi għal żmien indefinit f'għalqa tal-kejl ta' madwar 1,982 metru kwadru, li tmiss mill-Majjistral u min-Nofsinhar ma' proprjetà ta' Cementstone Co. Limited tal-Mosta, u mill-Punent ma' proprjetà ta' Michael Fenech.

4. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art jikkonsisti sabiex isir tħaffir ta' trinka 54 metru twila, 0.75 metri wiesgħa, 2 metri fonda, li tinkludi 2 *manholes* ta' 0.56 metri b'1.5 metri u tqegħid ta' servizzi għal żmien indefinit f'għalqa tal-kejl ta' madwar 3,820 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà ta' Michael Fenech, mil-Lbiċ ma' proprjetà tal-Monasteru ta' San Pietru ta' Ħal Lija u mil-Lvant ma' proprjetà ta' Francesco Camilleri.

5. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art jikkonsisti sabiex isir tħaffir ta' trinka 69 metru twila, 0.75 metri wiesgħa, 2 metri fonda, li tinkludi 3*manholes* u tqegħid ta' servizzi għal żmien indefinit f'għalqa tal-kejl ta' madwar 2,064 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana parti ma' proprjetà ta' Michael Fenech u parti ma' proprjetà ta' Igino Trapani Galea, mil-Lbiċ ma' proprjetà ta' Francesco Camilleri u mix-Xlokk ma' proprjetà ta' Cementstone Co. Limited tal-Mosta.

L-artijiet hawn fuq imsemmija huma murija bil-kulur blu, aħdar, blu, isfar u kannella u bħala *plots* minn 1 sa 5 rispettivament fuq il-pjanta mmarkata L.D. 373/91, li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) EDWARD FENECH ADAMI
President

It-13 ta' Mejju, 2005

laying of services for an indefinite period in a field measuring about 5,305 square metres, bounded on the North East by property of Michael Fenech, on the South West by property of John Quattromani and on the South East by property of the Monastery of St Peter of Lija.

2. The mentioned subsoil right consisting of a digging of a trench 61 metres long, 0.75 metres wide, 2 metres deep, consisting of a manhole of 0.56 metres by 1.5 metres and laying of services for an indefinite period in a field measuring about 3,530 square metres, bounded on the East by property of Igino Trapani Galea, on the South by property of Francesco Camilleri and on the South West by property of John Quattromani.

3. The mentioned subsoil right consisting of a digging of a trench 25 metres long, 0.75 metres wide, 2 metres deep, consisting of a manhole of 0.56 metres by 1.5 metres and laying of services for an indefinite period in a field measuring about 1,982 square metres, bounded on the North West and the South by property of Cementstone Co. Limited of Mosta, and on the West by property of Michael Fenech.

4. The mentioned subsoil right consisting of a digging of a trench 54 metres long, 0.75 metres wide, 2 metres deep, consisting of 2 manholes of 0.56 metres by 1.5 metres and laying of services for an indefinite period in a field measuring about 3,820 square metres, bounded on the North by property of Michael Fenech, on the South West by property of the Monastery of St Peter of Lija and on the East by property of Francesco Camilleri.

5. The mentioned subsoil right consisting of a digging of a trench 69 metres long, 0.75 metres wide, 2 metres deep, consisting of 3 manholes and laying of services for an indefinite period in a field measuring about 2,064 square metres, bounded on the North partly by property of Michael Fenech and partly by property of Igino Trapani Galea, on the South West by property of Francesco Camilleri and on the South East by property of Cementstone Co. Limited of Mosta.

The above mentioned lands are shown in colour blue, green, blue, yellow and brown and as plots from 1 to 5 respectively on plan marked L.D. 373/91, which may be seen on demand at the Lands Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) EDWARD FENECH ADAMI
President

13th May, 2005

Nru. 537

ATT DWAR IL-LIĊENZI TAL-KUMMERĊ (KAP. 441)

Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002

SKOND id-dispożizzjonijiet tar-regolament 8 tar-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002, is-Sezzjoni għal Liċenzar tal-Kummerċ qiegħda hawnhekk tippubblika avviżi ta' l-applikazzjonijiet li ġejjin:

No. 537

TRADING LICENCES ACT (CAP. 441)

Trading Licences Regulations 2002

IN terms of the provisions of regulation 8 of the Trading Licences Regulations 2002, the Trade Licensing Unit is hereby publishing a notice of the following applications:

Nru. tar-Riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-Applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-post kummerċjali *Address of the commercial premises*	Attività kummerċjali *Commercial activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3209/2005 Pt 171	Robert Tonna	Sa Maison Confectionery 2, Triq ix-Xatt Pietà	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb *Category I – Processing, manufacturing and sale of food products and beverages*	52.11 52.21 52.24 52.25	12.05.05
CD/3209/2005 Pt 172	Donald Caruana	D.C. Woodworks Triq privata fi Triq Indri Psaila Ħandaq, Qormi	Kategorija II - Attivitajiet tal-manifattura *Category II - Manufacturing activities*	36.1	12.05.05
CD/3209/2005 Pt 174	Paula Falzon	Kiama 4, Triq Ħal Saflieni Paola	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.48.10	13.05.05
CD/3209/2005 Pt 175	Elton Roberts	88, Triq il-Kapuċċini Floriana	Kategorija VI - Servizzi soċjali u personali *Category VI - Social and personal services*	93.021	13.05.05
CD/3209/2005 Pt 176	Paul Hay	Malta Homes 8, Triq il-Kbira Naxxar	Kategorija V - Servizzi professjonali u kummerċjali *Category V– Professional and business services*	70	13.05.05

Nru. tar-Riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-Applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-post kummerċjali *Address of the commercial premises*	Attività kummerċjali *Commercial activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3209/2005 Pt 178	Twanny Barbara	"Cevett" Detergents Triq l-Għargħar Qormi	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.48.13	16.05.05
CD/3209/2005 Pt 180	Ray Borg	Tastella 5, Triq Mountbatten Ħamrun	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb *Category I – Processing, manufacturing and sale of food products and beverages*	52.11	17.05.05
CD/3209/2005 Pt 182	Yunwei Dai	Tenda Costume Accessories Shop No. 6, Level O The Embassy Shopping Centre St. Lucia Street, Valletta	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.48.7	17.05.05
CD/3209/2005 Pt 183	Gordon Bonnici	Many Things Ta' Ċikka Triq il-Knisja l-Qadima Siġġiewi	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.45 52.47	17.05.05
CD/3209/2005 Pt 185	Antonia Fenech	A & Z Self Service Hastings Mansions Triq il-Ħalel San Pawl il-Baħar	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb *Category I – Processing, manufacturing and sale of food products and beverages*	52.11 52.21	18.05.05

Kull persuna li għandha interess, tista' tagħmel oġġezzjonijiet jew ilmenti kontra l-għoti ta' liċenza fuq kwistjonijiet ta' kummerċ biss. Kull oġġezzjoni jew ilment għandu jingħata bil-miktub lid-Diviżjoni għal-Kummerċ (Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ), Direttorat għas-Servizzi tal-Kummerċ, Diviżjoni għall-Kummerċ, Lascaris, Valletta, fi żmien għaxart ijiem mid-data li tidher hawn taħt.

L-24 ta' Mejju, 2005

Any person showing an interest may file an objection or make representations against the grant of this licence only on trade issues. Such objections or representation may be filed in writing at the Commerce Division (Trading Licences Unit), Trade Services Directorate, Commerce Division, Lascaris, Valletta, within ten days from the date shown below.

24th May, 2005

Nru. 538

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 20 ta' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili nnominat lin-Nutar Dott. Marco Burlò, LL.D., bħala Nutar Delegat/Konservatur ta' l-Atti tan-Nutar Dott. Marco Buttigieg, LL.D., sakemm dan ikun nieqes minn dawn il-Gżejjer mill-14 ta' Mejju, 2005 sa l-4 ta' Ġunju, 2005.

LORIANNE CAMILLERI
Għar-Reġistratur
Qorti tar-Revizjoni ta' l-Atti Nutarili

It-23 ta' Mejju, 2005

No. 538

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that, in exercise of the powers conferred by section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Marco Burlò, LL.D., to be Notary Delegate/Keeper for Notary Dr Marco Buttigieg, LL.D., during the latter's absence from these Islands from the 14th May, 2005 till the 4th June, 2005.

LORIANNE CAMILLERI
F/Registrar
Court of Revision of Notarial Acts

23rd May, 2005

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 43

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jieqfu fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ħal Għaxaq

Nhar il-Ġimgħa, is-27 ta' Mejju 2005 mis-7.00 p.m. 'il quddiem minn Pjazza Għaxaq.

L-24 ta' Mejju, 2005

POLICE NOTICE

No. 43

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Għaxaq

On Friday, 27th May 2005 from 7.00 p.m. onwards through Pjazza Għaxaq.

24th May, 2005

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 44

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 94/97, it-toroq imsemmija hawn taħt se jkunu meqjusa bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

POLICE NOTICE

No. 44

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of legal notice 94/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated on the dates and times hereunder.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Ir-Rabat

Nhar is-Sibt, it-28 ta' Mejju 2005 bejn is-6.00 p.m. u l-11.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: G. Borg Olivier, il-Kulleġġ, Santa Marija, San Publiju, il-Konti Rużġieru, San Franġisk, il-Kbira, San Pawl u Misraħ il-Parroċċa.

Nhar il-Ħadd, id-29 ta' Mejju 2005 bejn it-8.00 a.m. u l-12.15 p.m. mit-toroq li ġejjin: San Pawl, il-Kbira, il-Kulleġġ, il-Konti Rużġieru, l-Isptar u Misraħ il-Parroċċa.

Nhar il-Ħadd, id-29 ta' Mejju 2005 bejn l-4.00 p.m. u l-11.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: San Franġisk, il-Kbira, San Pawl, San Ġużepp, Santu Wistin, is-Saqqajja (mill-Bank of Valletta sa Rio Bar), Misraħ il-Parroċċa u Pjazza L'Isle Adam.

Vetturi li jinsabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż huma suġġetti li jiġu rmunkati.

L-24 ta' Mejju, 2005

Rabat

On Saturday, 28th May 2005 between 6.00 p.m. and 11.30 p.m. through the following streets: G. Borg Olivier, il-Kulleġġ, Santa Marija, San Publiju, il-Konti Rużġieru, San Franġisk, il-Kbira, San Pawl and Misraħ il-Parroċċa.

On Sunday, 29th May 2005 between 8.00 a.m. and 12.15 p.m. through the following streets: San Pawl, il-Kbira, il-Kulleġġ, il-Konti Rużġieru, l-Isptar and Misraħ il-Parroċċa.

On Sunday, 29th May 2005 between 4.00 p.m. and 11.30 p.m. through the following streets: San Franġisk, il-Kbira, San Pawl, San Ġużepp, Santu Wistin, is-Saqqajja (from Bank of Valletta to Rio Bar), Misraħ il-Parroċċa and Pjazza L'Isle Adam.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

24th May, 2005

INDIĊI TAL-PREZZIJIET BL-IMNUT

L-Oġġetti Kollha (Diċembru 2002 = 100)

	2005
Jannar	104.70
Frar	105.33
Marzu	105.82
April	106.27

Oġġetti li kkaġunaw l-aktar tibdil:–

Oġġetti	*Marzu 2005*	*April 2005*	*Effett fuq l-Indiċi*
Ikel			
Ħut frisk jew iffriżat	124.58	111.07	-0.08
Frott frisk jew iffriżat	119.95	115.72	-0.06
Ħaxix	144.47	132.94	-0.12
Ħwejjeġ u Żraben			
Ħwejjeġ ta' l-irġiel	86.02	90.63	0.07
Ħwejjeġ tan-nisa	86.64	93.12	0.12
Trasport u Komunikazzjoni			
Karozzi	105.90	103.88	-0.15
Trasport bl-ajru	94.34	100.76	0.31

L-24 ta' Mejju, 2005

RETAIL PRICES INDEX

All Items (December 2002 = 100)

	2005
January	104.70
February	105.33
March	105.82
April	106.27

Items causing most change:–

Items	*March 2005*	*April 2005*	*Effect on Index*
Item			
Fish, fresh or chilled	124.58	111.07	-0.08
Fruits, fresh or chilled	119.95	115.72	-0.06
Vegetables	144.47	132.94	-0.12
Clothing and Footwear			
Men's outwear	86.02	90.63	0.07
Women's outwear	86.64	93.12	0.12
Transport and Communications			
Motor cars	105.90	103.88	-0.15
Air transport services	94.34	100.76	0.31

24th May, 2005

AWTORITÀ TAD-DJAR

Skema R

Skema ta' Kera Sussidjata fuq Residenzi Privati

B'riferenza għall-Skema R - Skema ta' Kera Sussidjata fuq Residenzi Privati, ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-15 ta' Frar, 1999, l-Awtorità tad-Djar qed tagħmel dawn l-emendi:–

HOUSING AUTHORITY

Scheme R

Rent Subsidisation Scheme on Privately Owned Dwellings

With reference to Scheme R - Rent Subsidisation Scheme on Privately Owned Dwellings, published in the Government Gazette of the 15th February, 1999, the Housing Authority is effecting the following amendments–

(1) Sub-Klawsola (i) ta' Klawsola 13 biex taqra kif ġej:–
(1) Sub-Clause (i) of Clause 13 to read as follows:–

13. Sussidju Fuq il-Kera
13. Rent Subsidisation

(i) Is-sussidju jkun ibbażt fuq id-dħul annwu skond l-iskeda li ġejja:–
(i) The subsidy shall be based on the annual income according to the following schedules:–

Kategorija	**Dħul Annwu Toatali għas-Sena Bażi Kalendarja**	**Sussidju Massimu Mħallas**	**L-Anqas Kera Mħallsa Mill-Kerrej**
Category	***Gross Annual Income for a basic calendar Year*** **Lm**	***Maximum Annual Subsidy*** **Lm**	***Minimum Annual Rent Payable By*** **Lm**
Persuna li tgħix waħedha *Single Person Household*			
A	0,000 - 2,129	320	70
B	2,130 - 3,429	280	100
C	3,430 - 4,429	230	140
Familja ta' żewġ persuni (adulti) *Households with 2 members (adults)*			
A	0,000 - 2,429	400	50
B	2,430 - 3,929	360	70
C	3,930 - 4,429	310	90
Familja ta' 3 membri u aktar (familji bi tfal) *Households with 3 members and more (families with children)*			
A	0,000 - 2,629	415	40
B	2,630 - 3,929	375	60
C	3,930 - 4,429	325	80
D	4,430 - 4,929	275	100
E	4,930 - 5,429	225	120

Tingħata Lm50 addizzjonali fis-sena lill-familji li jkollhom xi membru li jkun ibati minn xi diżabilià u tingħata wkoll Lm50 addizzjonali fis-sena lill-familji li jkunu aktar minn 5 membri.

(2) Sub-Klawsola (vii) ta' Klawsola 13 biex taqra kif ġej:–

(vii) is-sussidju jitħallas lill-applikant xahrejn b'lura u mbagħad wara talba biss lill-Awtorità kontra rċevuta tal-pagament tal-kera kollha lis-sid. L-Awtorità madankollu jkollha diskrezzjoni li tagħmel il-ħlas tas-sussidju qabel.

L-24 ta' Mejju, 2005

An additional Lm50 per annum will be granted to families having a disabled member and an additional Lm50 per annum will also be granted to families having more than 5 members.

2) Sub-Clause (vii) of Clause 13 to read as follows:–

(vii) The subsidy is paid to applicants two months in arrears and then only after submission to the Housing Authority of the receipt of payment of whole rent to the lessor. However the Authority, at its own discretion, has the right to pay the subsidy even before such time.

24th May, 2005

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' *Consultant Pathologist* fid-Dipartiment tal-*Customer Services* (Sptar Ġenerali ta' Għawdex) Ministeru għal Għawdex

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *medical practitioners* bi kwalifiki adattati u b'esperjenza għall-post ta' *Consultant Pathologist* fid-Dipartiment tal-*Customer Services,* Ministeru għal Għawdex.

2. Il-post ta' *Consultant Pathologist* għandu salarju ta' Lm10,370 fis-sena.

3. Il-ħatra li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, kif ukoll regolamenti li jkunu fis-seħħ fid-Dipartiment tal-*Customer Services.* Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku.

3.2. Il-persuna nominata tkun soġġetta għal ġimgħa ta' 40 siegħa fuq sitt ijiem u wara tkun tista' tissejjaħ fuq bażi ta' *roster.*

3.3. Il-ħinijiet tax-xogħol tal-persuna nominata mhux bilfors ikunu limitati għal dmirijiet ta' filgħodu, imma skond l-esiġenzi tas-servizz, sessjonijiet ta' wara nofsinhar, magħduda s-sessjonijiet ta' l-*outpatients* jistgħu jsiru skond l-arranġamenti approvati mid-Divizjoni tal-*Customer Services.*

3.4. Il-persuna nominata tkun intitolata għal xi benefiċċji oħra u tkun suġġett għall-kundizzjonijiet u obbligi li jkunu mniżżlin fi kwalunkwe ftehim bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-persuna nominata titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm-il darba:

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Consultant Pathologist in the Department of Customer Services (Gozo General Hospital) Ministry for Gozo

The Public Service Commission invites applications from suitably qualified and experienced Medical Practitioners for the post of Consultant Pathologist in the Department of Customer Services (Gozo General Hospital), Ministry for Gozo.

2. The post of Consultant Pathologist carries a salary of Lm10,370 per annum.

3.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to any rules governing from time to time the Malta Public Service and the Department of Customer Services. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Public Service.

3.2. The appointee will be conditioned to a 40-hour six-day week and may be on call thereafter on a roster basis.

3.3 The working hours of the appointee shall not necessarily be limited to morning duties, but in accordance with the exigencies of the service, afternoon sessions including outpatients sessions may have to be carried out as per arrangements approved by the Department of Customer Services.

3.4 The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions as may be stipulated in any agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:

a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

5.1. Il-persuna nominata tkun tifforma parti mid-Dipartiment tal-Patoloġija u tkun taqa' direttament taħt id-Direttur tal-Patoloġija u d-Direttur tal-*Customer Services*. Hi tkun fid-dmir li tieħu sehem fl-attivitajiet u fl-iżvilupp tad-Dipartiment tal-Patoloġija (Diviżjoni tas-Saħħa) u fil-programm tat-tagħlim.

5.2. Il-persuna nominata tkun responsabbli biex tipprovdi servizz dijanjostiku speċjalizzat għall-Isptar Ġenerali ta' Għawdex u għas-servizzi tas-Saħħa pprovduti mill-Gvern skond il-politika tad-Divizjoni tas-Saħħa.

5.3. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li tagħmel awtopsji fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex.

5.4. Il-persuna nominata tieħu sehem fit-tagħlim u taħriġ ta' studenti ta' qabel u ta' wara l-gradwazzjoni kif tkun mitluba mid-Direttur tad-Dipartiment tal-Patoloġija.

5.5 Il-persuna nominata tkun responsabbli li taċċerta t-twettiq ta' programm kontinwu u ta' taħriġ u edukazzjoni għall-i*staff* taħt il-kariga tagħha.

5.6 Il-persuna nominata tkun meħtieġa li żżomm kuntatt mill-qrib mal-Laboratorji Ċentrali tal-Patoloġija biex ikun assigurat l-aħjar servizz possibbli.

5.7 Il-persuna nominata tkun meħtieġa li tiżviluppa pjanijiet strateġiċi u tagħmel rakkomondazzjonijiet għall-iżvilupp u titjib fil-Patoloġija ta' l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex.

5.8 Il-persuna nominata tkun meħtieġa li tiżviluppa pjan dwar l-i*staff* u li timmaniġġja r-riżorsi umani allokati lilha.

5.9 Il-persuna nominata tkun meħtieġa li tagħti pariri lill-membri oħra ta' l-i*staff* mediku fuq affarijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-ispeċjalizzazzjoni.

6.1 Il-persuna magħżula tkun meħtieġa li toqgħod Għawdex.

6.2 Il-persuna magħżula tirċievi *allowance* kull xahar li tammonta għal Lm300 fis-sena għall-vjaġġi bejn iż-żewġ gżejjer, kif ukoll tiġi rrifonduta l-kera ta' l-akkomodazzjoni sa massimu ta' Lm100 fix-xahar, wara li tipprovdi l-irċevuti u evidenza sodisfaċenti tar-residenza permanenti f'Malta.

a) it is carried out strictly outside his/her official hours of work; and

b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

5.1 The Consultant Pathologist will form part of the Department of Pathology (Health Division) and will be directly accountable to the Director of Pathology and to the Director Customer Services. He/she will be expected to take part in the activities and the development of the Department of Pathology and to participate in its teaching programme.

5.2 The appointee shall be responsible to provide a specialist diagnostic service for Gozo General Hospital and the Health service provided by the Government within the Policy of the Health Division.

5.3 The appointee will be required also to carry out autopsies at the Gozo General Hospital.

5.4 The appointee will participate in undergraduate and postgraduate teaching and training as detailed by the Director of the Department of Pathology.

5.5 The appointee shall be responsible to ensure the implementation of an ongoing training and education programme in respect of the staff under his/her charge.

5.6 The appointee will be required to maintain close contact with the central Pathology Laboratory so as to ensure the highest possible quality service.

5.7 The appointee will be required to develop strategic plans and make recommendations for the development and improvement of Pathology at Gozo General Hospital.

5.8 The appointee will be required to develop a staff plan and to manage the allocated human resources under his/her charge.

5.9 The appointee will be required to liaise with and advise other members of the medical staff on matters pertaining to the speciality.

6. The appointee will be required to reside in Gozo.

6.1 The appointee will be paid a monthly allowance of Lm300 per annum for travelling between the islands. He/she will also be eligible to the receipt to a maximum of Lm100 monthly refund of the rent for accommodation in Gozo which will be provided subject to the provision of receipt and to satisfactory evidence of a permanent residence in Malta.

7. L-applikanti għandhom:

(a) ikunu ċittadini ta' Malta; jew

(b) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea; jew

(ċ) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni*; jew

(d) il-konjugi ta', u tfal taħt il-21 sena ta' jew li jiddependu fuq, dawk il-persuni msemmija f'(a), (b) u (ċ) hawn fuq u li huma residenti f'Malta.

L-eliġibbilità tal-kandidati msemmija f' (b), (ċ) u (d) hawn fuq hija suġġetta għall-kundizzjoni li jiksbu *work permit*.

(e) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

(f) ikollhom Liċenza biex jipprattikaw il-Professjoni Medika f'Malta;

(g) prova ta' eliġibbilità għal reġistrazzjoni bħala speċjalista fl-ispeċjalità fl-Unjoni Ewropea.

jew

ikollhom kwalifika ogħla ta' wara l-gradwazzjoni fil-Patoloġija (MRC Path, jew kwalifika ekwivalenti rikonoxxuta mill-Unjoni Ewropea) u mill-inqas sentejn esperjenza fil-grad ta' *Senior Registrar* jew ekwivalenti.

jew

ikollhom kwalifika ogħla ta' wara l-gradwazzjoni fl-ispeċjalità u ħames snin esperjenza wara l-ksib ta' dik il-kwalifika ogħla ta' wara l-gradwazzjoni.

ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw *Service and Leave Record Form (GP 47)*, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-servizz iridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti maħruġ mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern u jagħtu dettalji).

8. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skondl-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabiltà), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbilità għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa

7. Applicants must be:

(a) be citizens of Malta; or

(b) citizens of another European Union Member State; or

(c) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply*; or

(d) the spouse of, and children under 21 years of age of or who depend on, any person who is mentioned at (a), (b) and (c) above and who resides in Malta.

The eligibility of candidates referred to at (b), (c) and (d) above is subject to their obtaining a work permit.'

(e) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

(f) in possession of a Licence to practise the Medical Profession in Malta;

(g) in possession of evidence of eligibility for specialist registration in the speciality in the European Union.

or

in possession of a higher postgraduate qualification in Pathology (MRCPath, or equivalent qualification recognised in the European Union) and at least two years experience in the grade of Senior Registrar level or equivalent.

or

in possession of a higher postgraduate qualification in the speciality and five years experience in the speciality following the attainment of the said higher postgraduate qualification.

h) of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); those applying from outside the service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications and state whether they have been in Government Service, giving details).

8. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the

tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbilità u għaliex huma misthoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

9. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji għandhom jintbagħtu ma' l-applikazzjoni; dokumenti oriġinali jridu jintwerew waqt l-intervista).

10.1 Bord ta' l-Għażla jintervista lill-applikanti biex jitqies min ikun adatt għall-post.

10.2 Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tar-riżultat.

11. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li hija addattata għal dan il-post.

12. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu primarjament mid-Direttur tal-*Customer Services,* Pjazza San Franġisk, ir-Rabat, jew jistgħu jiġu mniżżla minn dawn il-*websites*:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
http://www.gozo.gov.mt/webimages/documents/I2005.pdf

13. L-applikazzjonijiet, flimkien ma' *Curriculum Vitae,* u l-ismijiet ta' żewġ *referees* jintlaqgħu primarjament mid-Direttur tal-*Customer Services,* Pjazza San Franġisk, ir-Rabat, Għawdex sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, is-17 ta' Ġunju 2005.

14. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ simili ieħor sad-data ta' l-għeluq jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Dipartiment mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. (In-numru tal-*fax* tad-Dipartiment riċeventi hu 0356-563641).

15. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Dipartiment. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex

Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Department and copied to the NCPD.

9. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

10.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

10.2 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of the result.

11. The applicant selected for appointment will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the post.

12. Applications may be obtained from the Department of Customer Services, St. Francis Square, Victoria or downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.gozo.gov.mt/webimages/documents/I2005.pdf

13. Applications together with a curriculum vitae and the names of two referees will be received in the first instance by the Director Customer Services, St Francis Square, Victoria, Gozo, by not later than noon of Friday, 17th June 2005.

14. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application form duly signed by the applicant must reach the Department by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Department is 0356-563641.

15. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Department and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be

jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Direttur tal-*Customer Service* jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

*F'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-UE.

L-24 ta' Mejju, 2005

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' *Radiographer (Diagnostic)* fl-*Ultrasound Unit* fid-Diviżjoni tas-Saħħa fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' *Radiographer (Diagnostic)* fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2.1. Il-post ta' *Radiographer (Diagnostic)* għandu salarju ta' Lm4,889 fis-sena, li jiżdied b'Lm152 fis-sena sa massimu ta' Lm5,801 (Skala ta' Salarju 12). Persuna fil-grad ta' *Radiographer (Diagnostic)* tiġi promossa fil-grad ta' *Radiographer (Diagnostic)* Anzjan fi Skala Nru. 10 (Lm5,507 x 175 - Lm6,557) wara ħames snin servizz fil-grad jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.2. Persuna fil-grad ta' *Radiographer (Diagnostic)* li għandha xi *degree* rikonoxxuta fir-Radjografija titqiegħed fi Skala Nru. 10 b'seħħ mid-data tal-ħatra tagħha jew mid-data ta' meta tingħata d-*degree*, skond liema data tiġi l-aħħar. Persuna fil-grad ta' *Radiographer (Diagnostic)* gradwata tiżdied fis-salarju għal Skala Nru. 9 (Lm5,841 x 192 - Lm6,993) meta' tagħlaq sentejn servizz fil-grad ta' *Radiographer (Diagnostic)* gradwat. Persuna fil-grad ta' *Radiographer (Diagnostic)* gradwata tiġi promossa għall-grad ta' *Radiographer (Diagnostic)* Anzjan wara sentejn servizz fil-grad ta' *Radiographer (Diagnostic)* jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.3. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u suġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li jkunu mniżżlin fi kwalunkwe ftehim bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

3. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full -time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

4. Id-dmirijiet ta' *Radiographer (Diagnostic)* jinkludu:

sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Director Customer Services within seven (7) days.

*In case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply.

24th May, 2005

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Radiographer (Diagnostic) in the Ultrasound Unit in the Health Division within the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Public Service Commission invites applications for the post of Radiographer (Diagnostic) in the Health Division.

2.1. The post of Radiographer (Diagnostic) carries a salary of Lm4,889 per annum, rising by annual increments of Lm152 up to a maximum of Lm5,801 (Salary Scale 12). A Radiographer (Diagnostic) will be promoted to the grade of Senior Radiographer (Diagnostic) in Salary Scale 10 (Lm5,507 x 175 - Lm6,557) on completion of five years service in the grade, subject to satisfactory performance.

2.2. A Radiographer (Diagnostic) in possession of a recognised degree in Radiography will be placed in Salary Scale 10 with effect from his/her date of appointment or the conferment of his/her degree, whichever is the later. A graduate Radiographer (Diagnostic) will progress to Salary Scale 9 (Lm5,841 x 192 - Lm6,993) on completion of two years service as graduate Radiographer (Diagnostic). A graduate Radiographer (Diagnostic) will be promoted to Senior Radiographer (Diagnostic) on completion of two years service in the grade of Radiographer (Diagnostic), subject to satisfactory performance.

2.3. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

3. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to any rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

4. The duties of a Radiographer (Diagnostic) include:

a) jipprovdi servizzi ta' *clinical ultrasonograophy fl-Ultrasound* Unit fid-Dipartiment ta' l-Ostetriċja u Ġinekoloġija;

b) ikun responsabbli għat-tħaddim xieraq u effiċjenti tat-tagħmir kollu użat u tat-tindif tiegħu;

ċ) ikun responsabbli u jmexxi l-kapaċità ta' l-*istudent Radiographers* u ta' *non professional assistants* oħra.

d) juża s-sistema ta' teknoloġija Informatika li jkunu qed jintużaw mid-Diviżjoni tas-Saħħa.

Aktar dettalji dwar il-*job description* tal-post jistgħu jinkisbu mit-Taqsima tal-*Personnel,* Diviżjoni tas-Saħħa, 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

5. Il-persuna magħżula tkun meħtieġa taħdem fuq bażi ta' *shift* li jinkludi xogħol bil-lejl skond *rosters* stabbiliti fid-Divżjoni.

6. L-applikanti għandhom:

a) ikunu ċittadini ta' Malta; jew
b) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea; jew
ċ) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni* ; jew
d) il-konjugi ta', u tfal taħt il-21 sena ta' jew li jiddependu fuq, dawk il-persuni msemmija f' (a), (b) u (ċ) hawn fuq u li huma residenti f'Malta.

L-eliġibbilità tal-kandidati msemmija f' (b), (ċ) u (d) hawn fuq hija suġġetta għall-kundizzjoni li jinksbu *work permit*.

e) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

f) ikollhom ċertifikat li juri li huma rreġistrati bħala *Radiographer (Diagnostic)* mal-Kunsill għall-Professjonijiet Kumplimentari għall-Mediċina (Malta);

ġ) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); dawk li japplikaw minn barra s-servizz għandhom jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern ta' Malta u jagħtu dettalji)

7.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet

a) provision of clinical ultrasonography services in the Ultrasound Unit in the Department of Obstetrics and Gynaecology;

b) responsibility for proper and efficient operation and cleanliness of all equipment used;

c) responsibility for and direction of the efforts of student radiographers and other non professional assistants;

d) making use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division.

Further details of the job description of the post may be obtained from the Personnel Section, Health Division, 6, Harper Lane, Floriana.

5. The selected candidate will be required to perform duties on a shift basis including night duty according to the established rosters in the Division.

6. Applicants must:

a) be citizens of Malta; or
b) citizens of another European Union Member State; or

c) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply* ; or

d) the spouse of, and children under 21 years of age of or who depend on, any person who is mentioned at (a), (b) and (c) above and who resides in Malta.

The eligibility of candidates referred to at (b), (c) and (d) above is subject to their obtaining a work permit.

e) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

f) in possession of a certificate of registration as Radiographer (Diagnostic) with the Council for the Professions Complementary to Medicine (Malta);

g) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47). Those applying from outside the service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service giving details).

7.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Section 7 of the Equal

Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbilità għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post/pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni; dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

9.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

9.2. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippubblika r-riżultat ta' l-intervisti. Kopji tar-riżultat jiġu esebiti fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Diviżjoni tas-Saħħa.

9.3. Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

9.4. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

10. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li hija adatta għal dan il-post.

11. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm/employment

jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

12. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali, Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti Valletta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 17 ta' Ġunju 2005.

Opportunities (Persons with Disability) Act, 2000, even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

7.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

8. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

9.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

9.2. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Health Division.

9.3. A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the PSC where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

9.4. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

10. The selected candidate will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the post.

11. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/download/ċrecruitenglish.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm/employment

or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana.

12. The prescribed application forms will be received in the first instance by the Director General, Health Division, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, by not later than noon of Friday, 17th June 2005.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi hu +356-21242884.

14. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

* F'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-UE.

L-24 ta' Mejju, 2005

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' Spiżjar fid-Diviżjoni tas-Saħħa fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-postijiet ta' Spiżjar fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2.1. Il-post ta' Spiżjar għandu salarju ta' Lm5,841 fis-sena li jitla b'żidiet fis-sena ta' Lm192 sa massimu ta' Lm6,993 (Skala ta' Salarju Nru. 9).

2.2. Wara li l-persuna fil-grad ta' Spiżjar tagħlaq tmien snin ta' servizz sodisfaċenti fil-grad, jew sitt snin fil-grad jekk tikseb xi kwalifika adatta ta' wara l-gradwazzjoni, is-salarju tagħha jkun ta' Lm6,211 x Lm209 – Lm7,465 fis-sena (Skala Nru. 8).

3.1. Il-ħatra li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Persuna tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.2. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u soġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li jkunu mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Division is +356 - 21242884.

14. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

* In case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply.

24th May, 2005

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Pharmacist in the Health Division within the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Public Service Commission invites applications for the posts of Pharmacist in the Health Division.

2.1. The post of Pharmacist carries a salary of Lm5,841 per annum rising by annual increments of Lm192 up to a maximum of Lm6,993 (Salary Scale No. 9).

2.2. Subject to satisfactory performance, a Pharmacist will move to Salary Scale No. 8 (Lm6,211 x Lm209 – Lm7,465 per annum) after eight years service in the grade or six years if in possession of an appropriate post-graduate qualification.

3.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to any rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. Il-Persuna nominata tkun meħtieġa li taħdem f'xi fergħa tat-Taqsima Teknika fil-*Government Pharmaceutical Services,* inklużi l-*Manufacturing Unit, National Formulary Management, Government Clinical Pharmacy Services,* u l-*Medicine Regulatory Affairs Unit* li jinkludi *Inspectorate, Drug Registration* u *Pharmacovigilance*.

5. Id-dmirijiet tal-persuna fil-grad ta' Spiżjar jinkludu:

i) Parteċipazzjoni fit-tqassim ta' sustanzi farmaċewtiċi u xogħol kliniku farmaċewtiku;

ii) Tmexxija u maniġġjar ta' spiżerija;

iii) Responsabbiltà għall-għotja ta' kura farmaċewtika fl-isptarijiet inkluż fis-swali;

iv) Użu mis-sistemi ta' Teknoloġija Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

Aktar dettalji dwar il-*job description* tal-post jistgħu jinkisbu mit-Taqsima ta' l-Impjegati, Diviżjoni tas-Saħħa, 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

6. L-applikanti għandhom:

(a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta; jew

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea; jew

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni*; jew

(iv) il-konjugi ta', u tfal taħt il-21 sena ta' jew li jiddependu fuq, dawk il-persuni msemmija f'(a), (b) u (ċ) hawn fuq u li huma residenti f'Malta.

L-eliġibbilità tal-kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija suġġetta għall-kundizzjoni li jiksbu *work permit*.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

ċ) ikollhom il-*Warrant* li jeżerċitaw il-Professjoni ta' Spiżjara f'Malta;

d) ikunu rreġistrati bħala Spiżjara fuq ir-Reġistru tal-Kunsill tal-Farmaċija (Malta);

4. The appointee will be required to work in a branch of the Technical Section of the Government Pharmaceutical Services including the Manufacturing Unit, National Formulary Management, Government Clinical Pharmacy Services, and the Medicine Regulatory Affairs Unit including Inspectorate, Drug Registration and Pharmacovigilance.

5. The duties of a Pharmacist include:

i) Involvement in dispensing of pharmaceutical substances and performance of clinical pharmaceutical activities.

ii) Running and management of a dispensary.

iii) Responsibility for the delivering of pharmaceutical care within hospitals including wards;

iv) Making use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division.

Further details of the job description of the post may be obtained from the Personnel Section, Health Division, 6, Harper Lane, Floriana.

6. Applicants must:

(a) (i) be citizens of Malta; or

(ii) citizens of another European Union Member State; or

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply*; or

(iv) the spouse of, and children under 21 years of age of or who depend on, any person who is mentioned at (a), (b) and (c) above and who resides in Malta.

The eligibility of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above is subject to their obtaining a work permit.'

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

c) be in possession of a Warrant to practise as Pharmacist in Malta;

d) be registered as Pharmacists on the Register of the Pharmacy Council (Malta);

e) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP 47);* filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz iridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

7.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibiltà u għaliex huma misthoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi ndirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni; dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

9. Applikazzjonijiet jintlaqgħu wkoll minn kandidati li ma jkollomx il-*Warrant* imsemmi f'paragrafu 6(ċ) hawn fuq bil-kundizzjoni li juru evidenza li se jikkwalifikaw għall-imsemmi *Warrant* fil-31 ta' Awissu 2005. Jekk jintgħażlu dawn il-kandidati jridu jakkwistaw l-imsemmi *Warrant* qabel ma jingħataw il-ħatra.

10.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

10.2. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippubblika r-riżultat ta' l-intervisti. Kopji tar-riżultat jiġu esebiti fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Diviżjoni tas-Saħħa.

10.3. Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummisjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq:

e) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service giving details).

7.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, 2000, even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

7.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

8. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications; originals to be produced for verification at the interview).

9. Applications will also be considered from candidates who are not in possession of the Warrant mentioned in paragraph 6(c) above provided they produce evidence that they would qualify for such a Warrant by 31st August 2005. If selected, such candidates must obtain the said Warrant before appointment.

10.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

10.2. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Health Division.

10.3. A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the PSC where it may be accessed at:

http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

10.4 Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

11. L-applikanti magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatt għal dan il-post.

12. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm/employment

jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

13. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali, Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, is-17 ta' Ġunju 2005.

14. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi hu +356-21242884.

15. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

* F'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-UE.

L-24 ta' Mejju, 2005

http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

10.4. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

11. Applicants selected for appointment will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

12. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm/employment

or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana.

13. The prescribed application forms will be received in the first instance by the Director General, Health Division, 15, Merchants Streets, Valletta, by not later than noon of Friday, 17th June 2005.

14. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Division is +356 - 21242884.

15. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

* In case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply.

24th May, 2005

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' *Staff Nurse* fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-postijiet ta' *Staff Nurse* fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità.

2.1. Il-post ta' *Staff Nurse* għandu salarju ta' Lm4,889 fis-sena li jiżdied b'Lm152 fis-sena sa massimu ta' Lm5,801 (Skala Nru 12). Persuna fil-grad ta' *Staff Nurse* tiżdied fis-salarju għal Skala Nru 10 (Lm5,507 x 175 – Lm6,557) meta tagħlaq ħmes snin servizz fil-grad jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.2. Is-salarju ta' persuna fil-grad ta' *Staff Nurse* li għandha l-*BSc (Nursing)* huwa Lm5,507 fis-sena li jiżdied b'Lm175 fis-sena sa massimu ta' Lm6,557 (Skala Nru. 10). Persuna fil-grad ta' *Staff Nurse* igradwata tiżdied fis-salarju għal Skala Nru 9 (Lm5,841 x 192 – Lm6,993) meta tagħlaq sentejn servizz fil-grad ta' *Staff Nurse* iggradwata jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċjenti.

2.3. Il-persuni nominati jkunu intitolati għall-benefiċċji l-oħra u suġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

3. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, kif ukoll fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Servizzi fil-Komunità. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

4. Id-dmirijiet tal-persuna fil-grad ta' *Staff Nurse* jinkludu:

a) tipprovdi kura effettiva u effiċjenti lill-grupp speċifikat ta' pazjenti u li tieħu sehem fl-edukazzjoni ta' *junior staff,* ta' persuni li jkunu fuq żjara, kif ukoll ta' studenti;

b) tagħti informazzjoni lin-*Nursing Officer* u lill-membri oħra ta' l-*istaff* biex jiġi assigurat l-użu effiċjenti u effettiv ta' impjegati u riżorsi;

ċ) tagħlim u sorveljanza ta' *junior staff* u studenti skond il-livell tal-kompetenza/esperjenza tagħha.

d) tuża sistemi ta' Teknoloġija Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

Aktar dettalji dwar il-*job description* tal-post jistgħu jinkisbu mill-*Personnel Section,* Diviżjoni tas-Saħħa, 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Staff Nurse in the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Public Service Commission invites applications for the posts of Staff Nurse in the Ministry of Health, the Elderly and Community Care.

2.1. The post of Staff Nurse carries a salary of Lm4,889 per annum rising by annual increments of Lm152 up to a maximum of Lm5,801 (Scale No 12). A Staff Nurse will progress to Salary Scale 10 (Lm5,507 x 175 – Lm6,557) on completion of five years service in the grade, subject to satisfactory performance.

2.2. The salary of a Staff Nurse in possession of a BSc (Nursing) is Lm5,507 per annum rising by annual increments of Lm175 up to a maximum of Lm6,557 (Scale No. 10). A graduate Staff Nurse will progress to Salary Scale 9 (Lm5,841 x 192 – Lm6,993) on completion of two years service as graduate Staff Nurse, subject to satisfactory performance.

2.3. The appointees will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

3. The appointment, which is subject to a probationary period of one year is on a full-time basis and is subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service and the Ministry of Health, the Elderly and Community Care. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

4. The duties of a Staff Nurse include:

a) providing safe, effective and efficient care to a specified group of patients and participating in the education of junior/visiting staff and students;

b) giving information to the Nursing Officer and other members of staff to ensure the efficient and effective use of personnel and resources;

c) teaching and supervising junior staff and students according to own level of competence/experience;

d) making use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division.

Further details of the job description of the post may be obtained from the Personnel Section, Health Division, 6, Harper Lane, Floriana.

5. Il-kandidati magħżula jkunu meħtieġa jaħdmu fuq bażi ta' *shift* li jinkludi xogħol bil-lejl skond *rosters* stabbiliti fil-Ministeru.

6. L-applikanti għandhom:

(a) ikunu ċittadini ta' Malta; jew
(b) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea; jew
(ċ) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni*; jew
(d) il-konjugi ta', u tfal taħt il-21 sena ta' jew li jiddependu fuq, dawk il-persuni msemmija f' (a), (b) u (ċ) hawn fuq u li huma residenti f'Malta.

L-eliġibbilità tal-kandidati msemmija f' (b), (ċ) u (d) hawn fuq hija suġġetta għall-kundizzjoni li jiksbu *work permit*.

(e) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

(f) ikollhom ċertifikat li juri li huma reġistrati mal-Kunsill ta' l-Infermiera u Qwiebel (Malta);

(ġ) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz iridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

7.1. Applikazzjonijiet jintlaqgħu wkoll minn kandidati li ma jkollhomx iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni msemmi f'paragrafu 6(ċ) hawn fuq bil-kundizzjoni li juru evidenza li se jikkwalifikaw għall-imsemmi ċertifikat sat-30 ta' Settembru 2005. Jekk jintgħażlu dawn il-kandidati jridu jakkwistaw l-imsemmi ċertifikat qabel ma jingħataw il-ħatra.

7.2. Applikanti li jaqgħu taħt paragrafu 7.1 jiġu kkunsidrati biss jekk ma jkunx hemm biżżejjed applikanti taħt paragrafu 6(ċ).

8.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbilità għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

8.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom

5. The selected candidates will be required to perform duties on a shift basis including night duty according to the established rosters in the Ministry.

6. Applicants must:

(a) be citizens of Malta; or
(b) citizens of another European Union Member State; or

(c) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply* ; or

(d) the spouse of, and children under 21 years of age of or who depend on, any person who is mentioned at (a), (b) and (c) above and who resides in Malta.

The eligibility of candidates referred to at (b), (c) and (d) above is subject to their obtaining a work permit.

(e) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

(f) be in possession of a certificate of registration with the Council for Nurses and Midwives (Malta);

(g) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); those applying from outside the Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service giving details).

7.1. Applications will also be considered from candidates who are not in possession of the certificate of registration mentioned in paragraph 6(c) above provided they produce evidence that they would qualify for such a certificate by 30th September 2005. If selected such candidates must obtain the said certificate before appointment.

7.2. Applications under paragraph 7.1 will only be considered if there are not enough suitable applicants under paragraph 6 (c).

8.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

8.2. Representations in terms of this clause should be

jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkuppjata lill-KNPD.

9. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

10.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

10.2. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippublika r-riżultat ta' l-intervisti. Ir-riżultat jiġi esebit fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Diviżjoni tas-Saħħa.

10.3. Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummisjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq: http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

10.4. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

11. Applikanti magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma addatti għal dan il-post.

12. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm/employment

jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

13. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali, Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 17 ta' Ġunju 2005.

14. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u

attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

9. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

10.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

10.2. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Health Division.

10.3. A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the PSC where it may be accessed at: http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

10.4. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

11. Applicants selected for appointment will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

12. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm/employment

or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana.

13. The prescribed application forms will be received in the first instance by the Director General, Health Division, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, by not later than noon of Friday, 17th June 2005.

14. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number

għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi hu +356-21242884.

15. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

* F'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-UE.

of the receiving Division is +356 21242884.

15. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

* In case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply.

L-24 ta' Mejju, 2005

24th May, 2005

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf illi, b'riferenza għall-avviżi li ġejjin, jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin fil-ġranet u d-dati indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana:

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, is-26 ta' Mejju, 2005 għal:

CT 104/2005. Bini u tkomplija ta' *flats* f'66 u 69, Triq il-Ponta, l-Isla – Dipartiment tal-Bini u Tiswija ta' Djar. Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinġabru mid-Dipartiment tal-Bini u Tiswija ta' Djar, Triq il-Kappillan Ġwann Azzopardi, Santa Venera bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar wara li jitħallas dritt ta' Lm75 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 105/2005. Bini u tkomplija parzjali ta' *maisonettes,* dar u garaxxijiet fi Triq il-Kapuċċini, il-Kalkara – Dipartiment tal-Bini u Tiswija ta' Djar. Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinġabru mid-Dipartiment tal-Bini u Tiswija ta' Djar, Triq il-Kappillan Ġwann Azzopardi, Santa Venera bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar wara li jitħallas dritt ta' Lm200 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

